VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,674, 7 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 378 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża;

"iċ-Ċentru" tfisser iċ-Ċentru tal-Profiċjenza fil-Lingwa Ingliża;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2016 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) L-applikanti għall-Grad offrut miċ-Ċentru għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) grad ta' Master fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat; jew

(b) grad ta' Bachelor bl-Unuri tal-Ewwel Klassi fl-istess qasam ta' studju jew f'qasam relatat.

(2) Il-Bord jista' jikkunsidra wkoll applikazzjonijiet mingħand applikanti bi kwalifiki ta' livell ta' Master jew ogħla f'dixxiplina oħra u li jkollhom esperjenza u għarfien li, fl-opinjoni tal-Bord, jagħmluha possibbli li jsegwu studji għad-dottorat b'suċċess.

4. Meta l-Bord iqis neċessarju, jista' jeħtieġ lill-istudenti biex itemmu b'suċċess għadd ta' taqsimiet studju matul il-kors ta' studju tagħhom, u / jew iwettqu xi xogħolijiet rakkomandati mill-Bord, taħt dawk il-kondizzjonijiet li jista' jimponi, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

5. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inklużi s-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll juru l-kompetenza tagħhom fil-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat

6. Il-Bord għandu jirrakomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat, li jkun magħmul minn dawn li ġejjin:

Id-Direttur taċ-Ċentru, jew delegat, u
3 membri mill-Istaff Akkademiku.

Il-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat jista' jsejjaħ membri oħra minn Fakultajiet/ Istituti/Ċentri oħra, li għandhom kwalifiki akkademiċi dottorali, jekk ikun meqjus neċessarju.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

7. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat, kull Ġunju għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

8. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

VERŻJONI ELETTRONIKA

9. (1) Wara 12-il xahar u mhux aktar tard minn 24 xhar ta' studju *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju *part-time*, l-istudenti huma mitluba li jissottomettu rapport fuq ix-xogħol ta' riċerka tagħhom għal konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc* maħtur mill-Bord. Il-bord *ad hoc* għandu jkun magħmul minn *chairman*, li jkun id-Direttur taċ-Ċentru (jew delegat), u żewġ membri, li wieħed minnhom ikun is-Superviżur Prinċipali.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent dwar ix-xogħol ippreżentat u għandu jissottometti rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat taċ-Ċentru għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi r-rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

10. L-istudenti reġistrati maċ-Ċentru jistgħu jiġu mitluba jipparteċipaw fil-programmi ta' riċerka u ta' tagħlim taċ-Ċentru.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

11. Sitt xhur qabel id-data tas-sottomissjoni, l-istudenti jiġu infurmati li għandhom javżaw liċ-Ċentru li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

12. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

13. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

14. (1) L-Istudenti ikunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi skont il-format indikat fil-linji gwida ppubblikati, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat miċ-Ċentru għandu joħroġ riċevuta datata.

(2) L-istudenti jistgħu jippubblikaw it-teżi kollha jew parti minnha qabel ma jissottomettuha għall-eżami. Dan ix-xogħol ippubblikat jista' aktar tard ikun inkorporat fit-teżi mogħtija għall-eżami, sakemm li ssir dikjarazzjoni dwar dan fiha.

(3) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu liċ-Ċentru, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat, żewġ kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Il-verżjoni elettronika trid tkun konformi mal-livelli stabbiliti mil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.